Settembru 2008 • Vol 15 • Nru.3

# IL-PULIZIJA

Xogħolna u ħajjitna fil-Korp




## Fil-Paġni ta' ġewwa

- Seminar tal-European Police College (CEPOL)
- Fl-Okkażjoni tal-194 sena mit-twaqqif tal-Korp
- Il-Kultura tal-Pulizija: Kultura Unika fid-Dinja
- Il-Banda tal-Pulizija flimkien mal-Orkestra Nazzjonali

*u aktar...*

***Newspaper Post***

SUITABLE FOR MEN & WOMEN



Scholl

World's no.1 footcare specialist

# WHEN YOUR FEET WORK OVERTIME

The Scholl Professional range is specially created for all of you that face everyday foot fatigue from your job, in order to provide you with the comfort and protection you need.

Following the highest standards, using high quality materials, with anatomical design for maximum support and specially designed footbeds that absorb the shock and reduce the pain and fatigue of the feet and the back. You will never have to feel that your feet work overtime.

**CHOOSE THE ORIGINAL SCHOLLS**
**AVAILABLE FROM ALL PHARMACIES & THE SCHOLL FOOTHEALTH CENTRES**



Settembru 2008 • Vol 15 • Nru.3
IL-PULIZIJA
Xogħolna u ħajjitna fil-Korp

**Membri tal-Bord Editorjali:**

**President:** Supt. Dr Mario Spiteri LL.D.
**Editriċi:** Wps 93 Carol Fabri
**Membri:** Ps 128 Joseph Farrugia
Ps 772 Dennis Agius
Wpc 101 Roberta Grima
Wpc 255 Roberta Fenech
Mr. Joseph Borda

**il-Pulizija** tirringrazzja lid-ditti u aġenti tar-reklamar li għoġobhom jagħtu l-għajnuna tagħhom. L-artikli li jidhru f'dan il-Magazine ma jirriflettux bilfors l-opinjoni tal-Bord. Kull korrispondenza għandha tkun ittajpjata u għanda tintbgħat fl-indirizz hawn taħt:

Editur, "il-Pulizija", C.M.R.U., Police Headquarters, Floriana, VLT 2000

Disinn u riklamar

ABILITY PUBLICATIONS LTD.
Tel: 21 241317, 27 241345
Fax: 21 241317
e-mail: refer@maltanet.net

Stampar

GUTENBERG PRESS - TARXIEN




Ritratt:
*Il-Parata tal-Pulizija li tfakkar 194 mit-twaqqif tal-Korp tal-Pulizija*

# Werrej

**Settembru 2008** • VOLUM 15 • NRU. 3

Feature




Feature




Feature




Sports




5 Editorjal
7 Sajf qalil imma fejjiedi Jum Storiku għall- Assoċjazzjoni
11 Att dwar l-ilsien Malti (Kap.470)
11 Għotja ta' materjal lill-ALE mill-BirdLife (Malta)
13 Domine Dirige Nos
17 Ħsibijiet
19 Seminar tal-European Police College (CEPOL)
20 Apprezzamenti
23 Fl-Okkażjoni tal-194 sena mit-twaqqif tal-Korp
35 L-Unita' Nazzjonali Ewropol
36 Tislima liż-żiemel ROBOT
37 Il-Kultura tal-Pulizija: Kultura Unika fid-Dinja
39 Drinn Drinn - 16
41 Il-Banda tal-Pulizija flimkien mal-Orkestra Nazzjonali
42 Il-Belt Valletta
45 Paġna Sportiva
49 International Police Association
52 Għaqda Pulizija Pensjonanti
54 Il-Membri tal-Korp li Mietu


THE DISTANCE BETWEEN GOOD & GREAT
DRINK RESPONSIBLY
KEEP WALKING
JOHNNIE WALKER

# Editorjal

Ftit ilu attendejt, flimkien ma membri oħra minn kull uffiċċju fi ħdan il-Korp, għal laqgħa dwar l-iskart iġġenerat minn membri tal-Korp waqt il-ħin tax-xogħol.

Hadt pjaċir għax fl-aħħar l-affarijiet qed jimxu. Nazzarda ngħid qed jimxu għax illum nistgħu ngħidu li anke aħna bħala istituzzjoni ddixxiplinata wkoll qed nagħtu sehemna biex inħarsu l-ambjent.

Iżda, sfortunatament, dan l-eżerċizzju ma tantx deher li ħadem waqt ir-rinforz fl-istrajk tat-trasport pubbliku. Waqt li kulħadd japprezza l-ħinijiet twal, u, anke l-għejja li ħakmet lil dawk preżenti, xorta bi ftit għaqal stajna żammejna ftit iktar indafa. Forsi f'okkazzjonijiet oħra bħal dawn il-quddiem wieħed jista' jagħti każ l-ambjent li jkun qiegħed fih. Ma nistgħux nibqgħu ngergru jekk ma nkunux aħna stess li nagħtu daqqa t'id!

Ngħid prosit lil Kumitat Sportiv għall-organizazzjoni professjonali sabiex telgħu diversi attivitajiet sportivi li kienu abbinati ma Jum il-Pulizija. Dawn it-tip ta' attivitajiet għandhom jiġu ppromwovi matul is-sena kollha. Hija verita' li ħafna minna, jiena nkluża, nippratikkaw imma nipparteċipaw mill-inqas. Bi ftit sforz wieħed mhux biss ikun qiegħed iżomm il-kuntat ma' sieħbu imma aktar importanti, ikun qiegħed jieħu ħsieb saħħtu. Forsi jekk il-Kumitat ta' l-Isport jingħaqad mal-Kumitat tas-Social welfare wieħed ikun jista' jorganizza attivitajiet fejn tkun involuta l-familja kollha.

Bħal ma nagħmel dejjem inħeġġeġ lil kull min ikun irid jikteb fil-ħarġiet tal-Magazine sabiex jagħmel kuntatt magħna. Paġna li dejjem xtaqna ninkludu fil-ħarġiet tagħna hija dik tal-ittri u kummenti. Il-parteċipazzjoni tiegħek hija importanti.



# Impenn lejn is-Suċċess tiegħek




## ngħinuk tilħaq l-ambizzjonijiet tiegħek

L-għan tagħna, fil-**Bank of Valletta**, hu li ngħinuk tiżviluppa u tilħaq il-potenzjal kollu tiegħek. Dan nagħmluh billi nieħdu interess personali fil-klijenti tagħna.

Nifhmu l-importanza ta' servizz ġenwin mibni madwar il-ħtiġijiet personali tiegħek.

Noffrulek soluzzjonijiet personalizzati u ta' valur għalik, għax is-suċċess tiegħek hu importanti għalina.

www.bov.com customercare@bov.com 2131 2020

BOV 15259

*Maħruġ mill-Bank of Valletta p.l.c., 58 Triq Żakkarija, Valletta VLT 1130 - Malta*

BOV
Bank of Valletta
*Impenn lejn is-Suċċess tiegħek*

# Sajf qalil imma fejjiedi - Jum Storiku għall-Assoċjazzjoni

Martin Pace - Segretarju Ġenerali

*Ħbieb,*

It-12-il jum ta' Lulju ta' kull sena, aħna l-Pulizija nfakkruh meta ġie mwaqqaf il-Korp tal-Pulizija. Issa nistgħu ngħidu li t-12-il jum tax-xahar ta' Awwissu 2008, ifisser ġurnata oħra storika għall-Assoċjazzjoni tal-Pulizija ta' Malta. Dan għaliex mit-twaqqif tagħha, fis-sena 1955, il-mexxejja tal-Assoċjazzjoni, dejjem xtaqu li jkollhom il-post u l-uffiċċju addatat sabiex ikollna fejn niltaqgħu u jkollna membru stazzjonat ġewwa l-uffiċċju.

Dan il-jum wasal u b'wiċċi minn quddiem ngħid li dan huwa wieħed mill-akbar passi 'il quddiem li għamlet l-Assoċjazzjoni.

Il-Kummissarju tal-Pulizija, is-Sur John Rizzo ġentilment laqa' t-talba li għamilna u għall-ewwel darba fl-istorja tagħna issa għanda Pulizija fulltime, PC478 Neville Merċieca, impjegat għall-ħtiġijiet tagħna lkoll fejn għandha x'taqsam l-Assoċjazzjoni. Nirringrazzjaw lil kull min ta sehmu sabiex f'dawn l-aħħar snin kien jinfetaħ l-uffiċċju darbtejn fil-ġimgħa u issa għanda uffiċċju miftuħ mit-Tnejn sal-Ġimgħa.

J'Alla li dan il-pass iservi ta' ġid għal kulħadd u jservi wkoll sabiex dejjem intejbu l-livell tagħna bħala ħaddiema u b'mod dirett tisaħħaħ il-ħidma tagħna bħala Pulizija.

Nappella f'isem il-Chairman, is-Supt. Antonello Grech, u l-membri tal-Kumitat Eżekuttiv sabiex nagħmlu użu tajjeb minn dan l-uffiċċju għal ġid tagħna lkoll. Għal darb'oħra grazzi Sur Rizzo.

### Sajf ta' xogħol

Matul dan is-sajf konna impenjati aktar minn sjuf oħra speċjalment matul Lulju 2008. Ħarsu ħarsa lejn il-ġurnali jew meta tkunu quddiem it-televizjoni jew tisimgħu r-radju, dejjem xi ħames items ta' aħbarijiet, speċjalment matul tmiem il-ġimgħa, iħabbru d-diversi xogħolijiet li nkunu nvoluti fihom. Fl-opinjoni umli tiegħi wieħed mill-aktar dipartiment governattiv impenjati matul is-sena kollha. Dan is-sajf ħdimna wkoll waqt strajk ġenerali mill-Federazzjoni tat-Trasport Pubbliku. Intqalu ħafna affarijet fuq ħidmet il-Pulizija. Kien hemm min saħaq li s-sick leave żdied matul dawn il-ġranet. Jista' jagħti li każ li veru kien hemm min irtira għax ħassu ma jiflaħx u forsi kellu ċertu ansjeta', biża' jew tensjoni, imma ma nistax ma nirringrazzjax f'isem l-Assoċjazzjoni lil dawk il-mijiet ta' Pulizija li ħadmu sigħat twal matul dan l-istrajk.

Meta l-Korp sejjaħ is-suffara, il-membri tiegħu ġew bil-mezzi ta' trasport tagħhom lejn il-Kwartieri Ġenerali jew kull post ieħor li bagħthom l-istess Korp, sabiex jagħtu servizz lin-nazzjon. Ta' dan qlajna kemm tifħir kif ukoll tmaqdir. Lil dawn li wrew solidarjeta' magħna nirrigrazzjhom u dawk li għoġobhom mod ieħor nirrigrazzjawhom ukoll, filwaqt li innotajna dak kollu li intqal. Forsi kulħadd jifhem f'xogħolna minbarra aħna!!!

Il-Kumitat Eżekuttiv tal-Assoċjazzjoni ħareġ din l-istqarrija għal-istampa wara dawk il-ġranet sħan. Kien hemm min għoġbu jippubblikaha fuq il-mezzi tal-media u kien hemm, bi skantament, ma rraporta xejn basta għamel spazju lil ħafna sabiex jikkomentaw fuqna.

Qed nippubblikaw l-istqarrijiet kif ukoll xi ittri li bgħattna u rċivejna fuq dan is-suġġett.

**Stqarrija għall-Istampa datata 21 ta' Lulju 2008**

L-Assoċjazzjoni tixtieq tesprimi s-sodisfazzjoni tagħha u tixtieq pubblikament tirringrazzja lill-membri kollha tagħha għax-xogħol denju li wettqu, partikolarment għax-xogħol li għamlu waqt l-azzjonijiet li ġew imsejħa mill-Federazzjoni tat-Trasport Pubbliku, li seħħ bejn nhar it-Tnejn 14 u l-Ħamis 17 ta' Lulju 2008.

Nixtiequ wkoll nirringrazzjaw lil dawk kollha li wrew l-apprezzament u s-sodisfazzjon għax-xogħol li l-membri tagħna wettqu fi ħdan il-Korp tal-Pulizija matul dan il-perjodu hawn fuq imsemmi sabiex iżommu l-ordni pubbliku kif mitlub minnhom f'ċerti ċirkostanzi xejn pjaċevoli.

Dan sar b'ħafna sagrifiċċju, imma l-membri tagħna kienu determinati, li bħal kull sfida oħra jerfgħu r-responsabbilta' tagħhom.

Napprezzaw ħafna l-messaġġi li waslu fil-konfront tal-membri tagħna fil-qadi ta' dmirijiethom, kemm mill-Gvern, u minn kull settur ieħor li għandu għal qalbu l-bon ordni.

L-Assoċjazzjoni ġiet ukoll indirettament affetwata fil-ħidma tagħha. Ġew ikkanċellati diversi laqgħat, fosthom mal-Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern, kif ukoll mal-Kummissarju tal-Pulizija. Laqgħa oħra li ma setatx isseħħ, peress li l-uffiċjali tal-Assoċjazzjoni tal-Pulizija huma wkoll membri fil-Korp, li minħabba dawn iċ-ċirkostanzi, l-ewwel u qabel kollox jiġi l-interess tal-pubbliku Malti, kienet laqgħa tal-Bord tal-Pulizija għan-Negozjar (Police Negotiating Board), f'liema laqgħa kienu se jattendu l-Arbitri indipendenti li ġew maħtura mill-Prim Ministru, wara li ma kienx reġistrat qbil dwar talbiet li għamlet l-Assoċjazzjoni lill-Gvern għat-titjib fil-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-membri tal-Korp.

Peress li t-taħdidiet fil-PNB ilhom sejrin sa mis-sena 2004, u li issa marru quddiem il-Bord tal-Aribitraġġ, nitolbu li mingħajr telf ta żmien jiġu konklużi mill-aktar fis possibbli.

Pubblikament nixtieqU nirringrazzjaw lill-membri tal-familji tagħna, li wkoll bħalna ħassew it-toqol ta' dawn iċ-ċirkostanzi.

**Laqgħa mal-Kummissarju tal-Pulizija, is-Sur John Rizzo u l-delegazzjoni mill-Assoċjazzjoni tal-Pulizija ta' Malta.**

Nhar il-Ġimgħa 25 ta' Lulju 2008 saret żjara ta'

korteżija mill-Assoċjazzjoni tal-Pulizija lill-Kummissarju tal-Pulizija s-Sur John Rizzo. Il-laqgħa saret fl-uffiċċju tal-Kummissarju ġewwa l-Kwartieri Ġenerali il-Furjana. Id-delegazzjoni tal-MPA kienet immexxija miċ-Chairman is-Sur Antonello Grech u kienet tinkludi s-Segretarju Ġenerali is-Sur Martin Pace u t-Teżorier is-Sur Charles Zammit. Il-laqgħa kienet waħda kordjali ħafna.

Matul din il-laqgħa ġew diskussi diversi suġġetti li jolqtu lilna bħala ħaddiema. Il-Kummissarju jaqbel li l-Assoċjazzjoni toħroġ stqarrijiet ta' appoġġ għall-membri tagħha. L-istqarrijiet għadhom jkunu veritieri u li jagħmlu ġid lil kulħadd. Saret diskussjoni dwar ċerti ilmenti dwar tqassim ta' refreshments waqt l-istrajk. Ġew imsemmija diversi ilmenti dwar ikel u xorb. L-Assoċjazzjoni qajmet il-punt li matul ir-rinforz inħass in-nuqqas ta' ilma u ħasset il-bżonn sabiex tinġieb il-magna ta' l-ilma li għandha l-Menqa sabiex tlaħħaq mad-domanda għal-ilma frisk, liema ilma ġie mixtri mill-fondi ta' l-Assoċjazzjoni, 40 flixkun ilma kbir.

Il-Kummissarju talab lill-Assoċjazzjoni sabiex tiktiblu ittra u telenka fejn hemm affarijiet li jistgħu jsiru aħjar u wkoll sabiex jinvestiga jekk kienx hemm xi nuqqas minn min kellu jara li dawn l-affarijiet ma jsirux. Il-Kummissarju stqarr li dejjem ta ordni sabiex jinħarġu affarijiet tajbin għall-membri tal-Korp. L-Assoċjazzjoni tħoss li la mxew tajbin l-affarijiet fl-aħħar ġurnata, hekk għandu jkun dejjem.

Il-Kummissarju ma jaqbilx li l-Pulizija meta jkollhom nuqqas jew ilmenti jmorru u jużaw il-ġurnalisti u l-mezzi tal-media. Il-Pulizija jew għandhom jilmentaw ma' l-uffiċjali tagħhom u jaraw li jkollhom risposta ta' l-ilmenti li jagħmlu jew jirrikorru għand l-Assoċjazzjoni u din tressaq l-ilmenti tagħha kif dejjem għamlet. L-Assoċjazzjoni taqbel ma' dan u tħoss li l-membri għandhom dejjem l-ewwel id-doveri li jitolbu l-għajnuna diretta tal-Korp jew ta' l-Assoċjazzjoni.

L-Assoċjzzjoni reġgħet qajmet il-punt li kemm jista' jkun, kull membru tal-Korp tal-Pulizija jkollu ċertu ilbies protettiv bażiku bħal elmu protettiv sabiex jintlibes f'każijiet bħal dawn.

L-Assoċjazzjoni ġiet informata bi pjanijiet li ser isiru l-quddiem sabiex tisaħħaħ l-istrateġija fejn jidħol xogħolna f'mument ta' azzjonijiet li kellna bħalhom matul Lulju. L-Assoċjazzjoni taqbel ma' dak li ġie żvelat lilna u ser nagħtu l-appoġġ tagħna fejn hemm bżonn. Tkellimna dwar il-Pulizija tas-sess femminili. Dawn huma Pulizija bħal ħaddieħor (irġiel) u li għandhom jagħtu l-kontribut tagħhom bħal kulħadd. (Ħasra li ma kienx hemm Pulizija nisa li jridu jaħdmu fl-Assoċjazzjoni u kellhom jkunu delegati rġiel li ikkoptjaw delegati nisa fil-Konferenza Ġenerali ta' l-Assoċjazzjoni.)

Tqajjem il-punt ta' l-allowance ta' Lm30 lil uffiċjali li għadhom ma ħaduhx. Il-Kummissarju spjega li minħabba ċerti affarijiet burokratiċi u amministrazzjoni min-naħa tal-Gvern (finanzi) dan il-ħlas għadu ma sarx imma s-Sur Rizzo serraħ moħħ il-membri tal-MPA li dan il-ħlas dalwaqt ser isir u jingħata b'lura minn Jannar 2008.

Il-Kummissarju u l-Assoċjazzjoni ħassu l-ħtieġa li għandu jkun hemm komunikazzjoni diretta u miftuħa bejn iż-żewġ naħat u relazzjonijiet tajbin għall-ġid ta' kulħadd. Il-Kummissarju wera' x-xewqa li għandhom isiru laqgħat ta' kull xahar sabiex jiġu diskussi ċerti punti importanti. L-Assocjazzjoni laqgħat bil-ferħ din il-proposta li għandha tiġi mħaddma.

Il-membri ta' l-Assoċjazzjoni rrimarkaw li ħidmet l-Assoċjazzjoni aktar ma jgħaddi ż-żmien aktar qiegħed jikber, u tinħass il-ħtieġa li l-uffiċċju ta' l-Assoċjazzjoni jibda jinfetaħ il-ġimgħa kollha, għaldaqshekk ser issir talba bil-miktub. Il-membri ta' l-Assoċjazzjoni qalu li dan isaħħaħ ħidmet l-MPA u l-Kummissarju stqarr li

**Ittra lill-Prim Minsitru**

Kif kien mistenni l-Assoċjazzjoni ħadet l-opportunita' sabiex nirrigrazzjaw lill-Prim Minstru bħala l-Kap tal-Gvern tas-solidarjeta' li wera' magħna bħala Pulizija. Din li ġejja hija l-ittra li l-Kumitat Eżekuttiv għoġbu jibgħat:

*Onor. Dr. Lawrence Gonzi LL.D M.P.*
*Prim Ministru.*
*Berġa ta'Kastilja.*
*Valletta*

*Għażiż Prim Ministru,*

*Nixtieq ninfurmak li llum il-21 ta' Lulju 2008 il-Kumitat Eżekuttiv tal-Assoċjazzjoni tal-Pulizija ltaqa' fil-Kwartieri tiegħu. Is-suġġett prinċipali diskuss kien ħidmet il-Pulizija matul il-ġimgħa li għaddiet in konnessjoni mal-protesti organizzati mill-Federazzjoni tat-Trasport Pubbliku.*

*Napprezzaw ħafna l-messaġġi pożittivi li waslu minn diversi partijiet, fosthom min-naħa tal-Gvern. Innutajna ukoll kummenti oħra, li forsi ma kienux daqshekk inkoraġġanti għal membri tagħna.*

*Ix-xogħol ta' persuna li fuqha jkollha ċertu responsabbilitajiet, u tkun qed twettaq dawk id-doveri, tkun suġġetta għal sagrifiċċji li, min ma jkunx f'dik is-sitwazzjoni, ftit jifhimhom. F'din is-sitwazzjoni, il-familji tagħna ukoll għenu fejn setgħu, billi għamlu sagrifiċċji u wrew solidarjeta'. Il-Korp tal-Pulizija ta' Malta, minn dejjem poġġa l-interessi tal-pajjiż qabel tiegħu. U dan nagħmluh b'impenn.*

*Matul dan iż-żmien ikrah, l-Assoċjazzjoni kellha tħassar diversi laqgħat fosthom dik mal-Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern l-Onor. Dr. Carmelo Mifsud Bonniċi LL.D M.P, laqgħa mall-Kummissarju tal-Pulizija s-Sur John Rizzo, u laqgħa oħra mhix mistennija, fil-Bord tal-Pulizija għan-Negozjar, fejn kellhom jattendu l-Arbitri indipendenti, maħtura mis-Sinjorija Tiegħek wara li ma kienx hemm ftehim fuq ħafna mill-proposti li l-Assoċjazzjoni ressqet quddiem l-istess bord. Din il-laqgħa ġejna infurmati biha nhar it-Tlieta 15 ta' Lulju 2008 u kienet appuntata għal Ħamis 17 ta' Lulju 2008, fejn kien evidenti li l-membri tal-Assoċjazzjoni ma kienux f'pożizzjoni li jattendu minħabba l-azzjonijiet fuq imsemmija.*

*Kundizzjonijiet tax-xogħol aħjar mhux biss jagħmlu ġid għal persuna konċernata, imma maż-żmien, jagħmlu ġid lill-pajjiż.*

*It-taħdidiet ilhom għaddejjin sa minn Ottubru 2004. L-Assoċjazzjoni ġentilment titlob li jkun hemm l-intervent dirett tiegħek, sabiex ikun hemm ftehim ġust u xieraq għaż-żewġ naħat.*

*Għoddni dejjem tiegħek,*

*Martin Pace*
*Segretarju Ġenerali*



# Land Rover
## celebrates its 60th Anniversary

The Defender can trace its roots back to the production of the very first Land Rover in 1948. Initially conceived as a rugged farming workhorse, the original Land Rover has since benefited from an impressive series of continual improvements and major updates that have broadened its capabilities and cemented its reputation as one of the world's most versatile utility vehicles, both on and off the road.

The latest improvements that reinforce Defender's unassailable position as the ultimate all-terrain utility vehicle while transforming on-road comfort and refinement too are:

**Powertrain** – Defender's new state-of-the art 2.4 litre four cylinder new diesel engine has improved performance is more fuel efficient, has relaxed pulling power to match the toughest of tasks and has cleaner emissions,. Its $CO_2$ emissions over the EU drive-cycle fall well within legislative demands, and comfortably exceed the demanding EU4 standard in Europe.

**Advanced combustion system** – The new engine's advanced conventional combustion system has been painstakingly developed to ensure efficient combustion across the entire engine speed range.

**Wider gear ratio spread** – The six-speed gearbox features a particularly wide ratio spread to facilitate low-gearing for improved control off-road and high-gearing to achieve good fuel economy and refinement on-road.

**New six-speed gearbox** – Produced at Getrag-Ford Transmission's award winning facility at Halewood in the UK, the unit is designed exclusively for commercial applications and has proved robust, strong and durable across a wide range of applications.

**Permanent four-wheel drive** – Power is directed to front and rear axles by a centre differential, located within a central two speed transfer box which features a driver-selectable differential lock to help provide reliable power transmission in the most arduous conditions.

**Clutch and driveline** – Refinements to prop shaft geometry is designed to help further extend the life of the system's constant velocity joints. The joints themselves have also been upgraded, with new rotating-plunge units providing an excellent balance of durability and refinement across the full range of axle articulation.

**Design** – As Gerry McGovern, Land Rover's design director puts it, "The Defender is an automotive icon of functional design. Every line and surface is linked in some way to the vehicle's extraordinary capabilities, so we deliberately chose to change the exterior as little as possible and turned our attention to the vehicle's cabin.

**In-car entertainment** – For the first time, high-mounted tweeters are available in Defender; these work in conjunction with the new speaker installation to offer significantly improved speech clarity and sound reproduction.

**Heating and ventilation** – Behind the new facia lies an all-new heating and ventilation system. Cabin airflow is increased by almost 50 percent, while new aluminium plate-and-fin heat-exchangers help deliver real world improvements to cabin temperature and comfort.

**Improved seats** – Stronger and more robust the seats benefit from comprehensive quality, comfort and safety improvements.

**Improved refinement** – The cabin is quieter and more refined than ever before. Upgraded sound insulation, the new engine's excellent combustion control and the widespread improvements to the driveline combine with the new vehicle's substantially higher top gear to create a step change in real-world acoustic comfort.

**Chassis improvements** – Wide ranging steering and suspension changes ensure an easier and more rewarding drive than ever before. New springs and redesigned dampers, together with revised castor geometry, broader anti-roll bar specification and a new power steering tune has transformed dynamic response across the entire range.

**Immensely strong chassis** – Constructed to withstand the punishing inputs of Land Rover's harshest off-road tests, the frame is produced from 2mm and 3mm high-strength steels with additional internal reinforcements in many areas.

**Brakes system** – The all-round disc brakes are as impressive as ever. The brakes offer excellent thermal performance for solid on-road stopping power and strong, robust operation in harsh off-road environments.

**Wheels and tyres** – Defender's comprehensive wheel and tyre line-up has been refined to balance on-road performance with off-road supremacy. The range of 16" steel and alloy wheels have all been engineered to industry-leading fatigue standards and have been extensively developed to meet Land Rover's most demanding off-road performance objectives.



**Aluminium-intensive construction** – The rugged bodyshell continues to employ a high proportion of lightweight, high strength aluminium alloys to help minimise weight, keep the height of the vehicle's centre of gravity down and to protect against corrosion.

**Manufacturing** – Significant investment in improved assembly fixtures and welding equipment was designed to ensure that build quality of the New Land Rover is better than ever before.

**Comprehensive range** – A total of fourteen discrete models are offered across the New Defender's three different wheelbases. Derivatives as diverse as pick-ups and soft-tops, crew cabs, station wagons and hard-tops are all built on the standard production line.

As Land Rover has approached its 60th birthday, great care has been taken to ensure that the process of expanding Defender's breadth of capability has still further reinforced the model's famous reputation for strength and durability, attributes that have ensured more than two-thirds of Land Rovers ever built remain in use today.

**Muscats Motors, Rue D'Argens, Gzira GZR1368**
**Phone: 2326 4586/7/8 Fax: 2326 4592**
**Email: info@mml.mizzi.com.mt**





Defender 90 in mpg (l/100km): urban 11.9 (23.7), extra urban 8.8 (32.1) combined 10m (28.2) CO2 emissions 282g/km

huwa dejjem ħadem sabiex ikollna assoċjazzjoni b'saħħita għal ġid ta' kulħadd.

**Laqgħa mal-Konsulent Legali ta' l-Assoċjazzjoni Dr.George Abela LL.D.**

Matul il-laqgħa tal-Kumitat Eżekuttiv ta' nhar 4 ta' Lulju 2008 kien preżenti Dr Abela bħala konsulent tagħna. Ġew diskussi suġġetti tekniċi in konnessjoni ma' l-Arbitraġġ li ġie mitlub lill-Prim Ministru wara li ma kienx hemm qbil fil-Bord tal-Pulizija għan-Negozjar.

Din il-laqgħa ħadet madwar sagħtejn fejn ġew diskussi wkoll ċerti pendenzi li l-Assoċjazzjoni għandha. Nirriġrazzjaw lil Dr George Abela LLD tal-pariri siewja li jagħtina.



**Laqgħa mal-Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern Dr Carmelo Mifsud Bonniċi LLD MP.**

Nhar it-Tlieta 5 ta' Awwissu, 2008 saret żjara ta' korteżija mill-Assoċjazzjoni tal-Pulizija ta' Malta lil Onor. Ministru tal-Ġustizzja Dr. Carmelo Mifsud Bonniċi LL.D ġewwa l-Berġa ta'Aragona fil-Belt Valletta.

Il-laqgħa kienet waħda kordjali u kien hemm diskussjoni fuq diversi punti miż-żewġ naħat.

Il-Ministru faħħar xogħol il-Pulizija waqt l-azzjonijiet industrijali li kienu ordnati mill-Federazzjoni tat-Trasport Pubbliku fix-xahar ta Lulju. Il-Ministru kompla jgħid li l-Pulizija mxiet b'mod eżemplari u qed jiriċievi diversi kummenti pożittivi mingħand il-pubbliku. L-assoċjazzjoni qajmet il-punt li l-Gvern għandu jinvesti f'ilbies protettiv għall-membri tal-Korp. Dan għadnu jinħareġ individwalment ħalli f'każ ta' emerġenza jintuża' u b'hekk titħares saħħet il-Pulizija u jkun hemm inqas korrimenti.

Tqajjem ukoll il-punt li l-assoċjazzjoni għandha jkollha Liason officer fil-Ministeru sabiex jiffaċilita' l-komunikazzjoni bejn iż-żewġ naħat. Din il-persuna huwa s-Sur Tommy Cordina li huwa l-Kap tas-Segretarjat tal-Ministru.

Iċ-Chairman semma' li huwa membru fil-Bord tal-Akkademja tal-Pulizija, iżda dan ma jiltaqax spiss, jew ma jiltaqa' xejn. Iċ-Chairman stqarr li l-Assoċjazzjoni lesta tagħti "input" fl-affarijiet u tgħin fil-ġarr ta' responsabbilita' waqt it-teħid tad-deċizjonijiet.

l-Assoċjazzjoni rrimarkat li d-diskussjonijiet fil-PNB kienu waqgħu lura għal xi żmien. Is-Segretarju Permanenti stqarr li dan ġara minħabba ċerti avvenimenti fil-pajjiż, iżda gie maqbul li dawn id-diskussjonijiet huma importanti u m'għandhomx jitħallew jaqgħu lura. Ġie mmarkat ukoll il-punt li l-PNB ilu ma jiltaqa' minn Novembru 2007, żmien li huwa twil għas-sensittivita' tad-diskussjonijiet.

Il-Ministru stqarr li hemm proġetti fil-ħsieb tal-Gvern għal-Korp tal-Pulizija sabiex jittejjeb l-operat tal-istess Korp u l-kundizzjonijiet tal-membri. Trid tingħata attenzjoni għal proġetti u dettalji żgħar, għaliex dawn jistgħu jkunu ta' fejda iktar minn proġetti ta' skala ikbar.

Is-Segretarju Ġenerali nforma lill-Ministru bil-laqgħa kordjali li saret mal-Kummissarju tal-Pulizija.



**Ittri ta' Awguri lil mexxejja l-Ġodda tal-Partit Politiċi Maltin.**

L-Assoċjazzjoni feħet lill-mexxejja l-ġodda fil-politka Maltija. Dawn kienu Dr Joseph Muscat u Dr. Arnold Cassola. L-Assoċjazzjoni awgurat il-ħidma t-tajba lil dawn il-mexxejja. Sakemm morna għall-pubblikazzjoni ta' dan il-magazine, kellna din it-tweġiba minn Dr. Cassola:

Is-Sur Martin Pace, Segretarju Ġenerali, 1 ta' Awwissu 2008. Għażiż Sur Pace, Nirringrazzja lilek, lis-Supt A. Grech, lill-1st S.M. C. Zammit u lill-kollegi tagħkom tal-MPA għax-xewqat sbieħ li għamiltuli. Napprezza ħafna.

Aħna fl-AD Ikoll napprezzaw ix-xogħol imprezzabbli li intom tal-Korp tal-Pulizija tagħmlu. Xogħol ħafna drabi ingrat, iebes u ta' sagrifiċċju u anki mhux dejjem ippremjat b'kundizzjonijiet ta' xogħol kif ukoll finazjarji adegwati, kif tabilħaqq jixtraq.

L-Alternativa Demokratika tkun dejjem minn ta' quddiem biex jitjiebu l-kundizzjonjiet ġenerali tal-membri tal-Korp tal-Pulizija anke għaliex nemmnu li minkejja xi każ iżolat 'l hawn u 'l hinn li sfortunatament jista' jagħti isem ħażin, il-maġġoranza kbira tal-membri tal-Korp qegħdin jagħtu servizz enormi u eċċellenti liċ-ċittadini tagħna u lil pajjiżna.

Mingħajr ix-xogħol onest tagħkom ma nkunux nistgħu, bħala ċittadini, ingawdu s-serħan tal-moħħ li filfatt għandna.

Nawguralkom ħidma sfiqa fi ħdan l-Assoċjazjoni tagħkom, anke għan-nom tal-Kumitat Eżekuttiv ta' AD.

Dejjem Tagħkom, Arnold Cassola, Chairperson Alternativa Demokratika.

*Ħbieb, hemm aktar affarijiet xi ngħidu imma mhux dejjem possibbli li nippubblikaw kollox. Iżda jekk taraw il-website www.mpa.org.mt din żgur li ser tkun aktar aġġornata. In-numru tal-uffiċċju huwa 2123-2892.*

*Grazzi, Ġid u Saħħa.*

Martin Pace.
Segretarju Ġenerali

# Att dwar l-ilsien Malti (Kap.470)




Fil-ħarġa tal-Gazzetta tal-Gvern tal-25 ta' Lulju, 2008 kienu ppubblikati l-emendi fl-Ortografija tal-Malti.

Wieħed isib ukoll d-dokument "Deċizjonijiet 1", liema dokument jistabbilixxi l-mod korrett li bih għandu jinkiteb għadd ta' kliem li sa issa kien jista' jinkiteb b'iktar minn mod wieħed.

Il-forom ortografiċi se jibqgħu validi temporanjament għal perjodu ta' tliet snin, jiġifieri sal-25 ta' Lulju, 2011. Wara din id-data, il-forom magħżula fid-dokument "Deċiżjonijiet 1"ikunu l-uniċi forom korretti fl-ortografija Maltija.

Dan id-dokument huwa ftit twil sabiex jiġi riprodott f'din il-ħarġa, iżda wieħed jista' jsib kopja tiegħu fis-sit elettroniku tad-Dipartiment tal-Informazzjoni.

# Għotja ta' materjal lill-ALE mill-BirdLife (Malta)



F'April ta' din is-sena BirdLife (Malta) ippreżentat numru ta' trombi lill-Kummissarju tal-Pulizija. L-għan ta' din l-għotja kienet biex tgħin lill-Pulizija ta' l-ALE sabiex jikkumbattu reati li għandhom x'jaqsmu ma' l-ambjent. Bħala ġest ta' ringrazzjament il-Kummissarju stieden lil persuna barranija li ġabret il-flus fir-Renju Unit sabiex jinxtraw dawn it-trombi. Il-Kummissarju wiegħed li l-Korp huwa ffukat fuq reat relatati ma' l-ambjent. Preżenti għal din il-preżentazzjoni kien hemm l-Assistent Kummissarju Josie Brincat, is-Supretendent Raymond G. Zammit u l-Ispettur Alexander Miruzzi.

Wara l-preżentazzjoni, it-trombi ġew imqassma lill-membri ta' l-ALE.





DRUG-FREE

# Breathe Right®

Nasal Strips

## Try them and feel the difference immediately!



Breathe Right® Nasal Strips gently pull open nasal passages to:

- relieve nasal congestion
- help you breathe through your nose instead of your mouth to reduce snoring

## Breathe Better. Sleep Better.




BREATHE RIGHT is a registered trademark of the GlaxoSmithKline group of companies

gsk GlaxoSmithKline Consumer Healthcare

# Domine Dirige Nos

*Omelija ta' l-Isqof Mario Grech waqt konċelebrazzjoni fl-okkażjoni ta' "Jum il-Pulizija" – Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, Furjana, 11 ta' Lulju 2008.*




## Kristu r-ragħaj it-tajjeb

Darba Ġesù ġietu ħasra mill-folla għax kienu qishom "nagħaġ bla ragħaj" (Mt 9,36). Dalgħodu meta qed niċċelebraw il-Police Day, inħoss li qed nitkellem ma' ġemgħa liturġika li tifhem sewwa xi jfisser dan is-sentiment ta' Ġesù, għax bħala pulizija, il-vokazzjoni tagħkom u ħidmitkom ipoġġukom f'sitwazzjonijiet fejn malajr tindunaw kemm fi żminijietna s-soċjetà tagħna qed titlef id-direzzjoni għax l-għanijiet fundamentali tagħha huma mċajprin. Għalhekk jgħodd għalina dak li qal Kristu: aħna sirna nagħaġ mingħajr ragħaj.

Ġesù mhux biss tħassar in-nies ta' żmienu, imma jipproponi lilu nnifsu bħala r-ragħaj it-tajjeb biex jgħin lill-bniedem isib it-triq. Sinċerament, dan lili jikkonvinċini li bħala nisrani għandi messaġġ siewi x'naqsam ma' ħuti l-bnedmin; u dak li qed ngħid għalija ngħidu għal kull wieħed u waħda minna. Il-fatt li qegħdin nieħdu sehem f'din l-Ewkaristija jfisser li għandna twemmin komuni. Kristu mhux biss huwa r-ragħaj it-tajjeb li joffri direzzjoni lill-komunità umana tal-bieraħ, tal-lum u ta' għada, imma huwa jrid isieħeb oħrajn miegħu biex jipparteċipaw f'din il-missjoni tiegħu ta' ragħaj. Lili jsieħibni miegħu bħala saċerdot u bħala isqof tal-Knisja; lilkom iridkom tieħdu sehem fil-missjoni tiegħu ta' ragħaj billi sservu lill-bniedem bl-uniformi tal-pulizija.

X'inhi l-missjoni tar-ragħaj skond Ġesù? "Jien noħroġ in-nagħaġ tiegħi barra (mill-bitħa)" (Ġw 10,3). Normalment is-sid kien iżomm in-nagħaġ fil-bitħa biex jużahom, jinqeda bihom, jisfruttahom. Huwa għalhekk li Ġesù jgħid li jrid joħroġ in-nagħaġ minn dik il-bitħa: biex jiksbu l-ħelsien miċħud. Il-missjoni tagħna s-saċerdoti u tagħkom il-pulizija f'ċertu sens hija identika: aħna msejħin biex noħorġu lill-bniedem tal-lum minn ċerti ċrieki fejn il-libertà tal-persuna hija limitata jew saħansitra miċħuda, fejn il-persuna qed tiġi sfruttata, maħqura u mhedda minn dak kollu li nistgħu nsejħu "imgieba kriminali".

### Rgħajja tajba u rgħajja ħżiena

Imma Ġesù jiftħilna għajnejna għall-fatt li hemm dawk li jipparteċipaw mill-missjoni tiegħu u jkunu rgħajja tassew, imma hemm ukoll dawk li jinqdew ħażin bil-mandat li jafdalhom. Infatti Ġesù jiddeskrivi lir-rgħajja li ġew qablu bħala "ħallelin u briganti". Hija xokkanti li int kont imsejjaħ biex tkun ragħaj ħalli toħroġ lil min hu fiċ-ċirku u l-jasar tal-vizzju, imbagħad forsi ssib ruħek fil-kategorija ta' dawk deskritti bħala ħallelin u briganti! Fi kliem Ġesù dan ir-ragħaj ħażin huwa dak li "jisraq, joqtol u jeqred" in-nagħaġ.

X'kuntrast u kuntradizzjoni! Ir-ragħaj suppost qiegħed hemm biex jassigura l-milja tal-ħajja lin-nagħaġ afdati fil-kustodja tiegħu, imbagħad ikun hemm minn jinqeda b'dan l-uffiċċju biex bħala ħalliel u brigant jidħol "mhux

mill-bieb" imma minn xi ftuħ ieħor moħbi biex joqtol, jisraq u jeqred! U ladarba jidħol bil-moħbi, tgħallmuni intom li allura jkun hemm xi ħaġa ħażina. Kulħadd jagħmel eżami tal-kuxjenza tiegħu f'dan ir-rigward. Nitkellem għalija bħala ragħaj: jekk ma noqgħodx għassa tiegħi nnifsi, jien nista' naqa' f'din it-tentazzjoni.

Biżżejjed infakkar dak li Alla jgħid lir-rgħajja permezz tal-Profeta Eżekjel: "Bin Adam, ħabbar kontra r-rgħajja ta' Iżrael: ħażin għalihom ir-rgħajja li jirgħu lilhom infushom. Intom tixorbu l-ħalib u tilbsu s-suf tagħhom, toqtlu n-nagħaġ imsemmna u l-merħla ma tirgħuhiex. Id-dgħajfa ma saħħaħtuhiex u l-marida ma fejjaqtuhiex u l-midruba ma dewwejtuhiex, il-mitlufa ma ġibtuhiex lura, lanqas ma fittixtu l-mitbiegħda. Imma mexxejtuhom b'saħħa u qalb iebsa. U huma xterdu għax ma kellhomx ragħaj" (Eżek 34,2-5). Dak li Alla qal għar-rgħajja tal-bieraħ, nibża' li jista' jgħidu għar-rgħajja tal-lum!

Ġesù jiddistingwi bejn ir-ragħaj u x-xrik jew ir-ragħaj li jkun mikri. Ir-ragħaj veru jagħti ħajtu għan-nagħaġ tiegħu (Ġw 10,15). Hu dejjem għas-servizz tan-nagħaġ tiegħu, u mhux in-nagħaġ għas-servizz tiegħu. Mentri x-xrik għandu l-interessi tiegħu. Huwa ragħaj salarjat. Qiegħed hemm biex jaqla l-paga. Qiegħed hemm biex jaħseb għal ġildu, tant li jekk jara l-lupu ġej jaħrab, u lil dawk li jkun għassa magħhom jitlaqhom waħidhom fil-periklu bħala priża għall-għadu li jaħtafhom u jxerridhom. Għeżież tiegħi, tifhmu x'qiegħed ngħid.

Jien napprezzakom tassew għax ħafna mill-membri fil-Korp verament jagħtu servizz diżinteressat; ħafna fostkom m'humiex pulizija għax qed ifittxu is-salarju jew xi rimunerazzjoni oħra fis-sens wiesgħa tal-kelma; hemm minnkom li jinsew lilhom infushom u lill-familja tagħhom biex jaqdu liċ-ċittadin; hemm fostkom minn huwa lest li jqiegħed ħajtu fil-periklu biex isalva ħajjet ħaddieħor. Imma t-tentazzjoni li nħarsu l-interessi tagħna jew li xħin naraw il-lupu naħarbu jekk ma nagħmlux ukoll xi għażla oħra, hija tentazzjoni għalija u għal kulħadd.

### L-"awtorità" tar-ragħaj tajjeb

Kristu jgħid li r-ragħaj it-tajjeb għandu kelma li xħin in-nagħaġ jisimgħuha, huma joqogħdu għaliha. L-awtorità tar-ragħaj mhix fil-libsa jew fl-arma li jkollu, imma fil-"kelma" li toħroġ minn fommu! Nistgħu ngħidu li dawk li jattribwixxu awtorevolezza lir-ragħaj huma l-istess nagħaġ meta huma jagħrfu kelmtu u u jirrispettawha għax hija kelma ta' min jirrispettaha. B'differenza mir-"ragħaj barranni" li warajh in-nagħaġ ma jimxux, anzi jaħarbu minnu għax leħnu ma jafuhx (Ġw 10,5), ir-ragħaj it-tajjeb huwa aċċettat jekk kelmtu tintgħażel minn ħafna kliem ieħor u minn kliem ħaddieħor li wkoll għandu interess li jiġbed in-nagħaġ warajh! Fi kliem ieħor, il-kelma tar-ragħaj trid tkun il-kelma tal-verità li teħles; proprju għax ir-ragħaj ikun rifless tal-verità, dawk li jkun għassa fuqhom jirrikonoxxuh, jobduh u ma jgħaddux mingħajru.

Dan kollu jseħħ fil-missjoni tagħna. Nitkellem għalija nnifsi: il-kelma tiegħi jkollha sens biss jekk tkun kelma li ma titlaqx minni, imma tkun rifless ta' dik il-verità li jien irrid infittex għand Alla. Anke fil-każ tagħkom il-pulizija: il-kelma tagħkom trid tirrifletti dak li ġej minn Alla. L-istess "ordni temporali" li intom fid-dmir li tħarsu, għandu jkun ordni skond kif iridu Alla. Il-ħeġġa li għandu jkollkom biex il-"liġi" tkun osservata, trid tkun ħeġġa biex ngħinu lill-bniedem joqgħod għal Alla, l-għajn ewlenija tas-sewwa. "Domine dirige nos" huwa l-motto tal-Korp: biex dan ma jkunx kliem vojt, inħeġġiġkom biex kliemkom u l-azzjoni tagħkom ikunu espressjoni tal-verità li hemm f'Alla.

Kristu jgħid li r-ragħaj it-tajjeb jipprova jsejjaħ in-nagħaġ tiegħu waħda waħda b'isimhom (v.3). Jien nipprova niftakar l-ismijiet tan-"nagħaġ" tiegħi, imma ma jirnexxilix! Naf li anke l-Korp tagħkom qed jagħmel kampanja kontinwa biex il-pulizija jkunu aktar qrib u familjari mal-komunità, ħalli tkunu tistgħu takkumpanjaw lill-bniedem fit-triq. Dan huwa impenn biex intom tkunu tistgħu ssejħu lin-nagħaġ afdati f'idejkom b'isimhom. Imma fil-fehma tiegħi, meta Ġesù jgħid li jsejjaħ lin-nagħaġ tiegħu waħda waħda b'isimhom, ifisser ukoll li Ġesù jara lil kull persuna fl-individwalità tagħha u jirrispetta d-dinjità ta' kull persuna. Kull persuna għandha d-dritt għar-rispett massimu, irrispettivament mill-età, is-sess, it-twemmin, il-kulur, in-nazzjonalità ta' dak li jkun.

Dawn huma l-ftit riflessjonijiet li xtaqt naqsam magħkom f'din il-ġurnata partikulari li fiha qegħdin tfakkru l-194 sena mit-twaqqif tal-Korp. Jiena nħares lejkom bħala dawk li tieħdu sehem mill-missjoni ta' Kristu r-ragħaj it-tajjeb ta' l-umanità, biex tgħinu lis-soċjetà jkollha direzzjoni fil-ħajja. Importanti li kull wieħed u waħda minna jirnexxilna nidħlu mill-"bieb", filwaqt li niftakru li Kristu jgħidilna li "il-bieb tan-nagħaġ huwa jien; jekk xi ħadd jidħol ġewwa permezz tiegħi isalva, u jidħol u joħroġ u jsib fejn jirgħa" (Ġw 10,9). Ma nistgħux inwettqu dan is-servizz lill-komunità jekk jidhrilna li nistgħu ngħaddu mingħajr Alla u lil Kristu nelim-inawh mill-aġenda tagħna u tal-komunità tagħna.

## SEPARAR TA' SKART DOMESTIKU

# IRRIĊIKLA T-TLIETA

**JINĠABAR KULL NHAR TA' TLIETA JEW SKOND L-ARRANGAMENT TAL-KUNSILL TIEGĦEK, MINN WARA L-BIEB.**

**PLASTIK KARTA METALL**

**BORŻA 1**



**METALL**



**KARTA**



**PLASTIK**

Int ukoll tista' tagħti daqqa t'id fl-isfida favur **ambjent** aktar **nadif** u **sabiħ**.

**Il-kunsill tiegħek** qiegħed jorganizza **ġabra speċjali oħra** biex jinġabar skart domestiku riċiklabbli li jikkonsisti f'**metall**, **karta** u **plastik**. Dawn għandhom jintefgħu flimkien fl-istess **borża griża**.

Kun int ukoll parti mill-bidla - **kull daqqa t'id tgħodd!**

**Suġġerimenti biex is-sistema taħdem aħjar**

- **Importanti**: Skart riċiklabbli jinġabar **biss** jekk ikun fil-boroż il-griżi.
- Laħlaħ il-bottijiet u l-fliexken tal-plastik.
- Itfa **biss** metall, karta u plastik fil-borża l-griża.

**Skart domestiku riċiklabbli, inkluż il-ħġieġ, xorta jista' jintrema ġewwa il-*bring-in sites.***



**Għal aktar informazzjoni dwar il-ħinijiet tal-ġbir ta' l-iskart, ċempel lill-Kunsill Lokali tiegħek.**

**KULL DAQQA T'ID TGĦODD**

info line:
**8007 2200**
www.mrra.gov.mt

MALTA
ASSOĊJAZZJONI TAL-KUNSILLI LOKALI

MINISTERU TAR-RIŻORSI U AFFARIJIET RURALI

# Valletta Fund Management





# Your key to a world of opportunities

At Valletta Fund Management we offer you a comprehensive range of investment funds that invest in the main asset classes, across different markets and in major currencies. Our investment funds have different risk profiles to meet the investment requirements of all types of investors.

Contact us today.

VALLETTA FUND MANAGEMENT

A Member of the BOV Group
Bank of Valletta

Freephone **8007 2344**, BOV Branches in Malta and Gozo & Licensed Financial Intermediaries

The value of the investment may fall as well as rise and currency fluctuations may also affect the value of the investment. Investments should be based on the full details of the relevant prospectus, which may be obtained from Valletta Fund Management Limited ("VFM"), Bank of Valletta Branches and other licensed financial intermediaries. VFM is licensed to provide Investment Services Business for Collective Investment Schemes in Malta by the MFSA. The investment funds are licensed by the MFSA. This advert has been issued by VFM, Level 6, The Mall Offices, The Mall, Floriana FRN 1470. Tel: 21227311, Fax: 21234565, email: infovfm@vfm.com.mt
Source: Valletta Fund Management Limited

# Ħsibijiet

Supt. Dr. Antoine Casha LL.D.

Kull istituzzjoni jew organizzazzjoni għandha l-għan jew għanijiet għal xiex ġiet imwaqqfa: l-iskop li għalih teżisti dik l-organizzazzjoni. Jista' jagħti l-każ ukoll li minn żmien għal żmien dak l-iskop li oriġinarjament tkun twaqqfet dik l-organizzazzjoni jiġi rivedut biex jitwessa jew jiġi ristrett.

Il-Korp tal-Pulizija mhux eċċezzjoni. Sa mitt-waqqif tiegħu fl-1814, il-Korp tal-Pulizija ta' Malta kellu l-għanijiet tiegħu stabbiliti mill-leġislatur. Wieħed mill-għanijiet fundamentali tal-Korp nsibuh fil-Kodiċi Kriminali: li jżomm l-ordni u l-kwiet pubbliku, li ma jħallix isiru reati, li jikxef u jinvestiga r-reati li jsiru, li jiġbor il-provi u li jġib il-ħatjin, sew l-awturi kemm il-kompliċi, quddiem l-awtorità ġudizzjarja.

Hekk ukoll konna nsibu fl-Ordinanza tal-Pulizija (illum l-Att dwar il-Pulizija) li l-Korp għandu jiġi wżat għaż-żamma tas-sigurtà u l-buonordni intern, għall-ħarsien tal-paċi, għall-protezzjoni tal-ħajja u tal-proprjetà, għall-prevenzjoni u kxif ta' reati u għat-twettiq tal-liġijiet kollha li huma fl-inkarigu tal-Korp. Dawn baqgħu bażikament l-istess sal-bidu ta' dan is-seklu.

Min ikun waqqaf l-organizzazzjoni jista', minn żmien għal żmien, jiddeċiedi li dawn l-għanijiet jiġu aġġornati jew raffinati biex jirriflettu il-bżonnijiet ta' min ikun waqqaf dik l-organizazzjoni.

Fil-fatt, fl-2002 insibu li fl-Artiklu 4 ta' l-Att dwar il-Pulizija, l-għanijiet tal-Korp tal-Pulizija twessgħu u ġew spjegati b'aktar dettal.

Hekk insibu li llum l-objettivi prinċipali tal-Korp huma :-

(a) li jżomm l-ordni u l-kwiet pubbliku, li ma jħallix isiru reati, li jġib 'il quddiem u jwettaq il-ħarsien tal-liġijiet, bħala l-ewwel garanzija tad-drittijiet ta' kull persuna f'Malta, ukoll qabel ma tkun meħtieġa xi azzjoni permezz tas-sistema ġudizzjarja għar-ripressjoni, sanzjoni jew rimedju ta' xi ksur;

(b) li jirrispondi minnufih għal kull talba li ssir għall-ħarsien u l-intervent tal-liġi;

(ċ) li japplika l-liġi mingħajr ebda diskriminazzjoni minħabba f'xi raġuni bħas-sess, razza, kulur, lingwa, reliġjon, fehma politika jew xi fehma oħra, l-oriġini nazzjonali jew soċjali, l-assoċjazzjoni ma' minoranza nazzjonali, il-proprjetà, it-twelid jew kull status ieħor;

(d) li jġib 'il quddiem koeżistenza ordnata u paċifika tal-persuni kollha f'Malta, filwaqt li jieħu ħsieb, kif dovut, mhux biss tad-drittijiet dwar il-proprjetà privata imma wkoll dwar il-proprjetà pubblika;

(e) li jfittex li jħares l-ambjent bħala parti mill-ġid komuni;

(f) li jgħin, f'limiti raġonevoli, lil kull persuna li tfittex l-għajnuna tal-pulizija jew xi uffiċjal pubbliku ieħor, ukoll jekk ir-responsabbiltà biex fl-aħħar mill-aħħar tiġi pprovduta dik l-għajnuna li ma tkunx tappartjeni lill-Korp;

(ġ) li jwettaq onestament u effettivament dawk id-dmirijiet kollha lilu assenjati b'dan l-Att jew b'xi liġi oħra.

Dawn huma biss l-għanijiet prinċipali: hemm oħrajn f'liġijiet oħra bħal dawk li nsibu fl-Artiklu 346 tal-Kodiċi Kriminali.

### Twettiq ta' l-Għanijiet

Biex jitwettqu l-għanijiet fuq imsemmija, il-leġislatur jipprovdi lill-Pulizija b'diversi poteri, bħall-poter ta' l-arrest jew il-poter ta' tfittxija. Minnbarra dawn il-poteri, il-leġislatur irid jara li l-Korp ikollu dawk il-riżorsi finanzjarji u umani biex jilħaq dawk l-għanijiet stabbiliti minnu.

Fl-istess waqt il-leġislatur iħalli f'idejn l-amministrazzjoni tal-Korp kif dawn l-għanijiet jinkisbu. Għalhekk inħoss, fid-dawl ta' dawn l-għanijiet aġġornati, il-Korp għandu jaġġorna ruħu wkoll fl-ideat tiegħu kif jista' jwettaq dawn l-għanijiet. Il-miri diġa' ġew stabbiliti mill-leġislatur – issa wieħed irid jara li jfassal it-triq li twassal lill-Korp biex, bl-aħjar mod possibbli u fid-dawl tar-riżorsi disponibbli, jilħaq dawn l-għanijiet.

F'dawn l-aħħar snin saru u qed isiru diversi inizjattivi fi ħdan il-Korp biex dan jitwettaq bħal, per eżempju, b'akkwist ta' aktar tagħmir li jgħin lill-membri tal-Korp fil-qadi ta' dmirijiethom b'mod aktar effiċjenti, effettiv u, fl-opinjoni tiegħi l-aktar importanti, b'mod l-aktar safe possibbli għal membri tal-Korp kif ukoll għall-pubbliku.

Pero' dawn l-inizjattivi jidhru mifruxin u mhux faċli li wieħed jiddentifika fejn sejjer u fejn irid jasal. Jien naċċetta l-fatt li ma tistax tagħmel kollox f'daqqa; pero' nemmen li dak li jsir għandu jkun parti minn pjan wieħed li jwassal biex jintlaħqu l-għanijiet prinċipali ta' dik l-organizzjoni.

Nemmen li dan il-pjan jeżisti fil-Korp, iżda ma naħsibx li qed jiġi kkommunikat, jew mhux qed jiġi kkommunikat b'mod effettiv, lill-membri tal-pubbliku jew lill-membri tal-Korp stess.

Qed ngħid dan, għax nemmen li punt importanti biex timmottiva l-membri ta' dik l-organizzazzjoni huwa billi tinvolvihom u tħeġġiġhom fil-viżjoni tal-Korp. Importanti wkoll li l-pubbliku jkun informat b'dan il-pjan biex iħossu aktar qrib il-Korp u viċe-versa.

Saru tentattivi f'dan is-sens fil-passat: kien ġie ppubblikat Pjan Strateġiku għas-snin 1999 - 2001 (L-Impenn Tagħna) u ieħor għas-snin 2004 - 2006. Pero' jidher li ma sarx follow up fuqhom, fis-sens liema miri ntlaħqu u liema ma ntlaħqux, u għalfejn. L-ex Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern, Dr. Tonio Borg kien stqarr: "The strategic plan for the next three years (1999-2001) is a double edged sword. It is an important tool for planning the Force's future road ahead, but also serves as a benchmark to measure the progress and the performance of the Police Force. This document therefore represents an action plan and not merely a wish list. At the end of this time frame, the Police Force will be able to take stock of its achievements and be judged according to the targets it had set for itself."

Forsi wieħed jinġibed lura xi ftit meta jifli dan il-kliem u dan bir-raġun għax il-Pjan Strateġiku jista' jintuża bħala kritika lill-Korp meta dan jonqos li jilħaq il-miri mfassla minnu stess. Iżda dan ma għandux iżomm il-Korp milli jimxi il-quddiem.

### Konluzzjoni

Fid-dawl ta' l-għanijiet prinċipali ġodda u aġġornati msemmija aktar il-fuq, naħseb li wasal iż-żmien li l-Korp jagħmel evalwazzjoni sħiħa ta' rwol tiegħu llum u jippjana għall-ġejjieni tiegħu: fejn qiegħed, fejn irid jasal u kif se jasal hemm.

Il-Korp għandu bżonn vizjoni dinamika tal-miri tiegħu u pjan kif dawn il-miri jistgħu jitwettqu fid-dawl ta' żminijiet u ċirkostanzi li dejjem jinbidlu. Dan il-pjan m'hemmx għalfejn ikun fih volumi – imma biżżejjed li jkun hemm numru ta' miri stabbiliti, anke jekk numru żgħir, li jistgħu jintlaħqu u jitwettqu b'impenn. Pero' hemm bżonn ta' pjan, anke jekk pjan flessibbli, li ma jkunx biss eżerċizzju fuq il-karta; nemmen li dan jista' jgħin jagħti direzzjoni meħtieġa għall-futur.

Tislijiet.

# SHOES | DESIGNED TO MOVE YOU





Art. 68783 Size. 35 – 41
Art. 68784 Size. 39 – 46



Art. 68773 Size. 35 – 41
Art. 68774 Size. 39 – 46



Art. 68753 Size. 35 – 41
Art. 68754 Size. 39 – 46

ECCO Pro series has been developed to deliver high quality occupational and industrial comfort footwear without steel toe according to DIN EN ISO 20347. They are currently being delivered to the **Dansk Police Force, DSB Danish Railways, Post Danmark and Danish Rescue and Security.**

All styles in the ECCO Pro range are equipped with 100% GORE-TEX® membrane which is the most durable waterproof, windproof and breathable material on the market. The GORE-TEX® membrane consists of approximately 1.4 billion pores per square centimetre. No water or moisture can penetrate through the membrane from the outside. The membrane allows the water-vapour molecules to pass through easily. This protects the body from becoming either too cold or from overheating.

ECCO uses Hydromax™ leather which is approved by GORE-TEX® standards as having many advantages. It has the ability to expand when it gets wet, which means that the leather remains water-repellent for up to 10 hours! This technological leather is one of the finest water-repellent and windproof leathers. A special tanning process ensures high breathability on the inside and a water-repellent surface on the outside, optimizing the function of the GORE-TEX® membrane. The application of shoe care products is highly recommended after exposure to wet conditions in order to retain the unique water-repellent features of leather.

GORE-TEX vibram®

For trade enquiries on the ECCO Professional series, please contact Zammit La Rosa Footwear Ltd on 21378433 or info@ecco-shoes.com.mt

Our full Winter 2008 ECCO Collection may be viewed at **www.ecco-shoes.com.mt**

BY APPOINTMENT TO THE ROYAL DANISH COURT

ecco®



L-Assistent Kummissarju Michael Cassar u s-Supretendent Mario Spiteri

Wara s-suċċess li kellna s-sena l-oħra fl-organiżazzjoni tas-seminar dwar il-vjolenza domestika li ġie organizzat f'Malta mill-Iskwadra ta' Kontra l-Vizzji tal-Pulizija taħt il-patroċċinju tal-European Police College, liema seminar kien segwit bit-tieni seminar f' Ljubljana fis-Slovenja f'Novembru li għadda, Malta reġgħet ġiet mistiedna sabiex tor-ganizza seminar ieħor mill-istess kulleġġ. Is-suġġett kellu jkun ukoll il-vjolenza domestika, pero' din id-darba l-udjenza mmirata għaliha kellhom ikunu Pulizija ta' rankijiet għolja.

# Seminar tal-European Police College (CEPOL)

Is-seminar ta' din is-sena nżamm fil-lukanda Corinthia San Ġorġ bejn id-9 u t-12 ta' Ġunju, 2008. L-Assistent Kummissarju Michael Cassar, li huwa ukoll wieħed mill-lecturers tas-CEPOL dwar il-Vjolenza Domestika, iċċerja dan is-seminar li għalih attendew parteċipanti mill-pajjiżi ta' l-Unjoni Ewropeja kollha. Is-Supretendent Mario Spiteri ta wkoll spjegazzjoni dettaljata dwar il-funzjoni tal-kulleġġ Ewropew (CEPOL)

Naturalment, dan is-seminar iffoka fuq affarijiet varji li għandhom x'jaqsmu mal-vjolenza domestika. Madanakollu, il-parteċipanti kollha kienu Pulizija ta' rankijiet għolja fil-Korpi rispettivi tagħhom u fl-Akkademji tal-Pulizija minn fejn kienu ġejjin. Għalhekk, dan is-seminar ma kienx biss li l-lecturers jagħtu l-preżentazzjoni tagħhom dwar il-vjolenza domestika, imma li jiġi aċċertat illi l-udjenza preżenti tinżamm taj-jeb fis-suġġett u jingħataw xi ħaġa li huma jkunu jistgħu jużaw meta jmorru lura fl-Akkademji rispettivi tagħhom. Dan, meta wieħed irid iżomm f'moħħu l-esperjenza vasta li kull parteċipant kellu warajh.

**Il-Parteċipanti kollha waqt is-Seminar**

Dr Dietef Schroder li kien qed jirrapreżenta lis-CEPOL, emfasizza l-importanza li kull Akkademja tal-Pulizija fil-pajjiżi ta' l-Unjoni Ewropea għandu jkollhom kurrikulu komuni fuq il-vjolenza domestika. Huwa qal li s-CEPOL qed timmira li jkun hemm metodu komuni fit-taħriġ tal-Pulizija dwar dan is-suġġett. Għalhekk, is-CEPOL qed timmira li tgħallem lill-għalliema, anke jekk dan huwa ferm diffiċli sabiex jiġi addottat fl-Akkademji kollha tal-Pulizija tal-pajjiżi membri ta' l-Unjoni Ewropea, aktar u aktar fl-implimentazzjoni tal-kurrikulu kollu. Madanakollu, partijiet minnu jistgħu faċilment jiġu addottati u għalhekk xorta waħda jkun hemm metodu komuni ta' taħriġ lill-Pulizija tal-pajjiżi Ewropej.

Preżentazzjonijiet oħra saru mill-Assistent Kummissarju tal-Pulizija Michael Cassar, minn Mrs Tatjana Music mis-Slovenja, Mr Juau de Nascimento mill-Portugal u minn Dr Anthony Abela Mediċi, Direttur tal-Laboratorju Forensiku.

Il-preżentazzjonijiet kollha ġew segwiti minn diskussjonijiet vibranti wara li l-parteci-panti ġew maqsuma f'żewġ workshops u tħallew jiddiskutu s-suġġett tal-preżentaz-zjoni. Wara, il-konkluzjonijiet u / jew l-argu-menti mqajjma waqt il-workshops ġew diskussi fil-preżenza tal-partecipanti kollha u b'hekk kien hemm skambju ta' ideat li ħalla impatt pożittiv fuq il-parteċipanti kollha, kif huma stess stqarrew.




Il-Partecipanti kollha waqt is-Seminar

Matul is-Seminar ġew organizzati diversi attivi-tajiet soċjali fejn il-parteċipanti kollha baqgħu msaħħra dwarhom, partikolarment meta urejni-hom u spjegajnilhom ftit mill-istorja grandjuża ta' pajjiżna. Ġiet organizzata mawra fuq il-baħar madwar il-Port il-Kbir li ġiet offruta lilna mill-Awtorità tat-Turizmu. Attivita' oħra li ġiet organizzata kienet mixja fil-belt tal-Birgu fejn wara kull ġebla li hemm, wieħed isib u jgħid storja. Din il-mawra ġiet apprezzata ħafna mill-parteċipanti u wara ttieħdu fil-Lupanara Restaurant li jinsab fis-swar tal-Birgu u hemm ġew offruti ikla kompletament tradizzjonali Maltija. B'hekk il-parteċipanti mhux biss semgħu t-tradizzjonijiet tagħna iżda anke temuhom u ħaduhom magħhom, f'moħħhom u f'qalbhom.

Dan is-Seminar kien suċċess ieħor kemm f'dik li hija organiżazzjoni, kif ukoll f'dak li huwa valur ta' x'ħadu bħala tagħlim magħhom. Kreditu irid jingħata lil dawk kollha li b'xi mod kienu attivi fl-organiżazzjoni ta' dan is-Seminar.

Għas-sena d-dieħla erġajna ġejna mistiedna sabiex norganizzaw seminar ieħor fuq il-vjolenza domestika mmirata għal udjenza dif-ferenti, però primarjament jibqa' jiġi ffokat l-importanza ta' l-implimentazzjoni tal-kurrikulu komuni ppreparat mis-CEPOL.

SUN BLOCK SUN BLINDS



# The reason windows exist.



DAVID Interiors Limited

161 St.Edward street, Qormi QRM 07 Malta

Tel: 2144 3859 Fax: 2144 3885 Email: info@davidinteriors.com

# Fl-Okkażjoni tal-194 sena mit-twaqqif tal-Korp



# Attivitajiet li jfakkru l-194 sena mi Korp tal



Quddies – il-Gimgħa 13 ta' Lulju, 2008





Jum il-Pulizija – il-Gimgħa 13 ta' Lulju, 2008
















# -Pulizija



















Defile'




MP 56
MP 300
POLICE
M 0112
PULIZIJA
PULIZIJA
PULIZIJA
PULIZIJA
PULIZIJA
PULIZIJA








303














PULIZIJA
PULIZIJA
GVP-011
PULIZIJA
GVP-009


PULIZIJA
PULIZIJA


PULIZIJA
GVP-061


PULIZIJA
MOBILE
POLICE STATION




























Attivitajiet fil-lokalitajiet – Marsaskala





Ghoti ta' Midalji ta' Servizz Twil u Efficjenti / Certifikati ta' Mertu – 12 ta' Lulju, 2008







Ricevimenti ghall-Pulizija u l-Ufficjali




Pet Show – Lulju, 2008






HSBC










CENTRE
CRAFTS Shop


WATER SERVICES
with us

# Hobbies exhibition




































*Air conditioning*

High levels of comfort and energy-efficiency characterize our Daikin comfort systems. All year round, our innovative and state-of-the-art systems provide maximum comfort while optimizing your energy bill. Easy control systems give you comfortable and healthy warmth when it's cold outside and refreshing coolness when it's hot. Our units equipped with air purification, humidification and ventilation offer you the ultimate comfort.

**CONTACT US OR VISIT WWW.DAIKIN.COM.MT**

DAIKIN

® medairco EST. 1969

**Sole Agent & Distributor of Daikin Air Conditioning Equipment for the Maltese Islands**

Medairco Ltd. 55, Racecourse Street, Marsa MRS 2919, Malta Tel: (+356) 21 220715, 21 232068, 21 232077, 21 233023 Fax: (+356) 21 221351


EXQUISITE
a blend of incomparable & exclusive surroundings
for that very special & intimate occasion
Mdina
Hospitality assured
The Definitive(ly) GoodGuide to RESTAURANTS in Malta & Gozo
BACCHUS
FINE DINING
INGUANEZ STREET - MDINA
Reservations 21 454981 • E-mail: reservations@bacchus.com.mt • www.bacchus.com.mt

# L-Unitá Nazzjonali Ewropol (ENU – Europol National Unit u l-HENU – Head of Europol National Unit)

Supt. Edward Mangion

L-Ewropol hija organiżazzjoni kemmxejn unika, fis-sens li tiġbor fi ħdana numru ta' uffiċjali ta' kollegament il-fuq minn tletin pajjiż differenti. Dawn l-uffiċjali jirrappreżentaw diversi servizzi ta' l-infurzar tal-liġi bħal ma huma l-Pulizija, id-Dwana u s-Sezzjonijiet tal-ħarsien tal-fruntieri. Minbarra l-varjetá fis-servizzi rappreżentati fl-Ewropol, wieħed isib ukoll spektru sostanzjali ta' pajjiżi preżenti f'din l-organizazzjoni, li tiġbor fiha s-27 membru ta' l-Unjoni Ewropeja (UE) kif ukoll numru ta' stati oħra li għandhom ftehim magħha, bħal ma huma l-Istati Uniti ta' l-Amerika, l-Awstralja u n-Norveġja. Il-funzjoni prinċipali ta' dawn l-uffiċjali ta' kollegament (ELOs – Europol Liaison Officers), hija waħda ta' koordinazzjoni fil-qasam ta' l-investigazzjonijiet kriminali internazzjonali, kif ukoll fil-kamp tal-bdil ta' l-informazzjoni jew 'intelligence', bl-iskop li titrażżan il-kriminalitá organizzata.

Din il-ġabra ta' uffiċjali flimkien mal-kapaċitá analitika tal-Ewropol, hija meqjusa bħala sistema b'potenzjal qawwi fil-ġlieda kontra l- kriminalitá organizzata fl-Ewropa u lil hinn minnha. Filwaqt li l-ELOs kif ukoll l-analisti tal-Ewropol huma partijiet essenzjali ta' din is-sistema, il-qafas prinċipali ta' appoġġ ta' dawn l-uffiċjali internazzjonali, jinsab ġewwa l-pajjiż rispettiv ta' kull wieħed jew waħda minnhom. Għalkemm numru ta' pajjiżi għandhom aċċess dirett għas-sistemi tal-informazzjoni tagħhom minn ġewwa l-uffiċji relattivi tagħhom fl-Ewropol, ċerti ndaġini u ġbir ta' informazzjoni essenzjali għall-operazzjonijiet ta' l-infurzar tal-liġi, jistgħu jsiru biss fil-pajjiżi ndividwali nnifishom. Għal din ir-raġuni, nsibu li kull pajjiż membru tal-Ewropol għandu dik li tissejaħ l-Unitá Nazzjonali tal-Ewropol (ENU – Europol National Unit). Din is-sezzjoni tista' tiġi mxebbħa mal-NCB (National Central Bureau) ta' l-Interpol, li wkoll tinsab f'kull pajjiż membru ta' dik l-organiżazzjoni.

### Il-Funzjoni ta' l-ENU fil-Pajjiż

Skond l-Artiklu 4 tal-Konvenzjoni Ewropol, li tirregola x-xogħol u l-istruttura ta' l-organiżazzjoni, kull pajjiż membru għandu jwaqqaf unitá nazzjonali li għandha sservi bħala l-unika kanal ta' kommunikazzjoni bejn is-servizzi tal-pajjiż u l-Ewropol. Il-kuntatti diretti bejn is-servizzi tal-pajjiż u l-Ewropol huma permessi mill-Konvenzzjoni, iżda biss f'każijiet eċċezzjonali, u dejjem b'koordinament sħiħ ta' l-ELOs u l-ENU. Ta' min wieħed isemmi li l-ELOs u l-ENUs joperaw kompletament taħt il-liġijiet rispettivi ta' pajjiżhom, iżda huma mistennija li jkunu f'pożizzjoni li jkollhom aċċess sħiħ għal kull informazzjoni li jista' jkun hemm fis-sistemi nazzjonali tagħhom.

Fejn l-informazzjoni tista' tkun ta' rilevanza għal investigazzjonijiet internazzjonali, l-ENU hija obbligata li tipprovdi din l-informazzjoni minn jheddha lil dawk l-entitajiet fil-qafas ta' l-Ewropol li jistgħu jkunu konċernati. L-ENU hija wkoll mistennija li tirrispondi għal rikjesti speċifiċi ta' pajjiżi oħra kif ukoll tal-Ewropol stess, u għandha tagħmel ħilitha biex iżżomm kull informazzjoni maħżuna f'isem pajjiżha fis-sistemi tal-Ewropol (bħal per eżempju l-IS – Information System) aġġornata kemm jista' jkun. L-ENU għandha wkoll ir-rwol li tipproċessa u tgħaddi kull talba rilevanti tas-servizzi ta' pajjiżha lejn l-Ewropol jew lejn il-pajjiżi l-oħra li jifformaw parti mis-sistema ta' l-Ewropol. Barra minn hekk, l-ENU għandha wkoll tiżgura li dawn l-iskambji kollha ta' l-informazzjoni għandhom isiru skond il-liġi tal-pajjiż. Għalhekk wieħed jista' jħares lejn l-ENU bħala pont bejn il-pajjiż u l-organizazzjoni, kif ukoll bejn il-pajjiż u l-pajjiżi l-oħrajn kollha preżenti fl-istess struttura.

Meta wieħed iħares lejn dawn il-funzjonijiet u l-obligi, mhux diffiċli biex jinduna li sistema bħal din, b'tant pajjiżi, servizzi, entitajiet, sistemi ta' amministrazzjoni, liġijiet, kulturi, lingwi u aspirazzjonijiet differenti, fiha ħafna lok għall-konfużjoni. Daqsxejn bħal ma kienet l-istorja tat-Torri ta' Babel li nsibu fil-Bibja. Għalhekk huwa mportanti li jkun hemm meżż ta' koordinament sħiħ bejn dawn il-partijiet kollha.

### Ir-Rwol tal-HENUs fl-Ewropol

Dan il-makkinarju ta' koordinament jista' jinsab fil-kunċett tal-HENUs (Heads of Europol National Unit). Il-HENUs huwa forum li jiltaqa' regolarment, bejn ħames u sitt darbiet fis-sena skond il-bżonnijiet taż-żmien, biex jiżgura li l-partijiet kollha msemmija qabel, jaħdmu sew id f'id bħall-gerijiet ta' makna. F'dawn il-laqgħat, il-HENUs jiftehmu fuq modi komuni ta' kif għandu jinħadem ix-xogħol ta' kulljum ta' bejniethom. Dan jinkludi ftehim fuq l-aħjar pratki, bdil ta' informazzjoni fuq problemi ffaċċjati, u l-iffurmular ta' proċe-

duri ta' xogħol li jiffaċilitaw l-eżistenza ta' tant partijiet differenti taħt saqaf wieħed.

Il-HENUs jitħadtu wkoll fuq il-forom ta' kriminalitá li l-aktar jolqtu lill-pajjiżhom u jagħmlu ħilithom biex jiggwidaw lill-organiżazzjoni biex tkun tista' toffri prodotti mmirati lejn dawn il-fenomeni kriminali. B'hekk wieħed jista' igħid li l-HENUs huwa wkoll il-forum ta' koordinazzjoni operazzjonali ta' l-organiżazzjoni. Dan ix-xogħol ta' ftehim u koordinazzjoni, kemm fuq livell amministrattiv u proċedurali, kif ukoll fuq il-livell operazzjonali ma jseħħx ġo vojt, iżda huwa parti minn sistema akbar ta' tmexxija li tinvolvi l-Bord ta' l-Amministrazzjoni ta' l-Ewropol, id-Direttorat ta' l-organiżazzjoni, kif ukoll organi oħra bħal ma huma l-Kumitat Finanzjarju u l-Bord tal-Programmi ta' l-ICT (Information and Communications Technology). Il-HENUs jagħtu l-parir tagħhom lill-partijiet l-oħrajn tal-Ewropol bil-ħsieb li kollox jaħdem fid-direzzjoni mixtieqa, skond il-prijoritajiet l-aktar urġenti tal-ġurnata.

**Kif jitfassal ix-xogħol tal-HENUs?**

Minħabba r-raġunijiet imsemmija hawn fuq, nistgħu għalhekk ngħidu li l-HENUs għandhom rwol ċentrali fit-tmexxija u x-xogħol ta' l-Ewropol. Kif jiġi mwettaq dan ir-rwol, jiġi deċiż fil-laqgħat regolari ta' dan il-grupp, li jkunu ggwidati b'aġenda li tiġi mħejjija wara konsultazzjoni ntensiva bejn il-partijiet konċernati kollha. Dan jinvolvi ħafna xogħol, normalment fil-forma ta' numru ta' laqgħat oħra fi gruppi iżgħar, fejn ikun hemm lok għal diskussjonijiet aktar fil-fond fuq is-suġġetti konċernati. Il-parti l-kbira ta' dan kollu, ikun ikkoordinat mill-President jew 'Chairman' tal-grupp, li jinħatar kull sena minn fost il-membri tal-grupp.

Kif wieħed jista' jaħseb, ix-xogħol taċ-Chairman ta' dan il-grupp jirrekjedi ħiliet differenti, fosthom ta' negozjar u ta' tmexxija. Huwa mportanti wkoll li l-individwu konċernat ikun jaf ukoll lill-organżazzjoni sew, biex b'hekk ikun jista' jibbilanċja l-pożizzjonijiet kollha, bil-mira li x-xogħol jibqa għaddej minkejja l-idejat kollha differenti li wieħed jistenna minn grupp ta' pajjiżi tant varjat. B'hekk, jista' jiġi żgurat li s-servizzi ta' l-infurzar tal-liġi fl-Ewropa jibqgħu joffru front sod w unit kontra l-kriminalitá organiżżata.

Nieħu din l-opportunitá biex nirringrazzja lill-Kummissarju tal-Pulizija u lill-kollegi kollha tiegħi, fl-Ewropol, fil-grupp HENU, kif ukoll fl-ENU u l-Pulizija ta' Malta, ghall-appogg tagħhom. Mingħajr dan l-appoġġ, il-ħatra tiegħi bħala Chairman tal-grupp HENU ma setgħatx tkun possibli. Nieħu pjaċir nirċievi l-kummenti tagħkom u nagħmel mill-aħjar biex inwieġeb xi mistoqsijiet li jista' jkollkom. Dawn jistgħu jiġu ndirizzati fuq edward.mangion@europol.europa.eu .

# Tislima liż-żiemel ROBOT

Din is-sena it-Taqsima tal-Kavallerija sofriet it-telfa ta' wieħed mill-membri tagħha – iż-żiemel ROBOT.



ROBOT kien inġieb Malta fl-2005 minn Franza fejn integra sew mal-kumplament taż-żwiemel fi ħdan din it-Taqsima. ROBOT kien jeċċella fil-qbiż, fejn kien ipparteċipa f'numru ta' kompetizzjonijiet, kif ukoll kien integra mill-ewwel mat-tip ta' taħriġ mogħti inkonnessjoni ma xogħol Pulizjesk.

Huwa serva fi ħdan il-Korp tal-Pulizija għal tliet snin fejn sfortunatment miet fl-14 ta' Frar, 2008 b'konsegwenza ta' colic (uġigħ ta' żaqq), sintomu li huwa komuni fiż-żwiemel.

Insellmu lil dan il-membru li ta s-sehem tiegħu fil-qadi ta' dmirijietu fil-Korp tal-Pulizija ta' Malta.

# Il-Kultura tal-Pulizija: Kultura Unika fid-Dinja

Dr. Rose Anne Cauchi Cuschieri

*F'dan l-artiklu nixtieq nikteb fuq il-kultura tal-Pulizija, xi ħaġa li hija unika fid-dinja u għalkemm jeżistu ħafna kulturi oħra fid-dinja, il-Kultura tal-Pulizija jew kif inhi magħrufa aħjar bħala police subculture, hija fost l-aktar kulturi vokazzjonali b'saħħithom li hawn fid-dinja:*

A policeman does a job which defies equation with any other. Policemen, in short, are different.

*(Judge, 1972, p.1)*

You don't manage police organizations like you would other agencies. You got to know the police mentality.

*(Cumming, and Edell, 1999, p. 276)*

Forsi kultant il-kelma *subculture* jista' jkollha konnotazzjoni prerogattiva għal xi wħud. Biss fil-verita' din tirreferi għal patterns ta' mġieba u mentalita' li jiddistingwu sezzjonijiet tas-soċjeta' minn oħrajn. Fattur ieħor tipiku ta' kull *subculture* hu li l-grupp fih innifsu jkollu mpatt fuq l-individwu li jagħmel parti mill-grupp u viċiversa, jiġifieri kull individwu jkollu mpatt fuq il-grupp in ġenerali. Fil-fatt Arnold (2000) jiddefinixxi dan il-fattur bħala:

*A group of specialists recognised by society, as well as by themselves, who posses an identifiable complex of common culture, values, communication devices, techniques and appropriate behaviour patterns.*

(Arnold, 2000, p. 22)

Forsi eżempju aktar sempliċi ta' kif nispjega *police culture* huwa dik ix-xi ħaġa li ġġagħlek tħossok parti minn grupp dinji uniku; dik ix-xi ħaġa li meta tiltaqa' ma' xi membru tal-Pulizija, kemm lokali u kemm barrani, tafu jew ma tafux, tħoss ġewwa fik dik il-ħeġġa u forsi anke dover li tmur tkellmu / tkellimha u tgħid li int ukoll membru tal-Pulizija.

F'kull Korp tal-Pulizija wieħed isib il-famuż *thin blue line* li jirrappreżenta l-awtorita' leġittima ti tipproteġi liċ-ċittadin u li minn naħa l-oħra tifforma n-nisġa ta' valuri li jżommu l-membri tal-Korp flimkien. Wieħed jifhem li jrid jinżamm bilanċ f'dan ir-rigward, liema bilanċ mhux dejjem ikun faċli.

Fl-opinjoni tiegħi, it-tema u l-importanza ta' din l-kultura trid tiġi emfasizzata ukoll ġewwa l-Akkademja tal-Pulizija speċjalment mar-rekluti ġodda. Sigħat twal ta' tagħlim ikunu ddedikati lil suġġetti polizjeski u soċjali. U bir-raġun kollu għax ir-rekluti jridu jkunu ppreparati għall-karriera li jkunu ser jidħlu għaliha. Biss inħoss li huwa mportanti li r-rekluti jiġi spjegat lilhom li la darba jibdew jagħmlu parti mill-Korp tal-Pulizija, huma jsiru parti minn kultura li tibda tiddistingwihom minn gruppi oħra fis-soċjeta' u li kultant ma tinżilx daqstant tajjeb ma' xi membri tal-pubbliku. Issa ser isiru parti mill *Blue Minority* kif isejħilha Thibault (1995). Korpi tal-Pulizija ġieli huma magħrufa bħala a *race apart* (Banton, 1994), a *beleaguered minority* (Alex, 1996). Rekluti ġodda jafu jkollhom ukoll pressjoni minn sħabhom li jkunu membri tal-pubbliku. Il-Pulizija madwar id-dinja huma magħrufa għall-għaqda ta' bejniethom u din mhux dejjem tinżel tajjeb m' dak li jkun. Biex tkompli zzid ma' dan kollu, in-natura tax-xogħol polizjesk, il-ħinijiet, id-dixxiplina, l-uniformi u t-tensjoni li dan ix-xogħol kapaċi joħloq, ma tantx huma fatturi li jgħinu. Biss la darba ir-rekluti jsiru membri tal-Korp jistgħu jgħidu li qatt m'huma ser ikunu waħedhom. Iżda hemm prezz għal dan ukoll. Min-naħa l-oħra din tgħin biex il-Pulizija jkunu jistgħu jżommu d-distanza li hemm bżonn biex jagħmlu xogħolhom bl-aktar mod fair u oġġettiv kemm jista' jkun.

Fl-opinjoni tiegħi aktar importanza u aktar informazzjoni għandhom jiġu mogħtija lil dan il-fattur ta' *police culture* għax din taf tkun dak is-cement li jżomm il-membri tal-Korp flimkien.

SHARP

AQUOS
THERE'S MORE TO SEE




# WATCH TELEVISION WITH NEW EYES

## FULL HD WITH 100HZ

Experience absolute premium-class television viewing in a definition and sharpness you have never seen before – with the new SHARP AQUOS XL1 generation, the world's first LCD panel with 100Hz Double Frame Driving technology and a Full HD 1080p panel. With an unsurpassed 4ms response time and truD as standard image technology, the XL1 LCD provides an exceptional image – without any jags and judder, pin sharp and with brilliant contrast. The award winning design in elegant carbon is just as exceptional too mirroring its technical capabilities and setting visual standards for the future.

*Make it a great deal at*

Flamingo

**Cannon Road - Qormi • Tel: 2279 4205, 2279 4216 • e-mail: sales@flamingo.com.mt • www.sharp.com.mt**

# Drinn Drinn 16

Supt Peter Paul Zammit

Hello: Prosecutions Unit..

*Hello : Bonġu Sir. Għandi waħda ġdida għalik.*

Bonġu. Għidli ħalli nitgħallem jien.

*Ftit ilu, waqt li kont l-Għassa daħal ċertu persuna li beda jgerger u ried jinqeda qabel kulħadd. Kien hemm Għassa nies u ma stajniex nitilqu minn idejna cum bum. Bħassoltu kellimtu bil-kwiet u għall-ewwel ikkalma. Komplejt naqdi lil dawk li kien hemm u fosthom kien hemm sinjorina li riedet tagħmel rapport ta' ftit delikatezza, għalhekk tlabtha tistenna ftit sa kemm naqdi lil dan il-persuna. Din bil-kalma kollha aċċettat u daħħaltha fil-kamra ta' ġewwa ma' Pulizija mara. Dan ir-raġel għajjatlu biex jibda r-rapport tiegħu u f'salt wieħed beda jgerger li jien ma kontx qed nimxi sew miegħu.*

*Ipprovajt bil-kelma t-tajba nikkalmah iżda kompla jżid u jgħajjat. Deherli li kien qed joħroġ barra mill-limitu u għalhekk tlabtu il-particulars u għidtlu li kont ser inħarku talli kien qed jagħmel l-istorbju. Hawn beda battibekk billi skond dan il-persuna jiena kont naf il-partikolaritajiet tiegħu u ma kellix għalfejn nitlobhomlu. Wissejtu biex jieqaf minn dan l-aġir tiegħu għax stajt narrestah. Reġa' beda jgħajjat u anke jsabbat fuq il-bank.*

*Tlabtu il-partikolaritajiet għal darba oħra u reġa' rrifjuta. Għalhekk wissejtu li jekk ma jagħtihomlix kien ser ikollu nżidlu ċitazzjoni oħra. Wara nofsiegħa nipprova nikkalmah irnexxieli u mxarrab bl-għaraq komplejt nisma' l-problema li daħal biha l-Għassa li kull ma ried kien li jirrapporta lil ta' ħdejh talli kien qed iħalli l-karozza pparkjata quddiem id-dar tiegħu. Peress li naf il-post sew u naf li ma hemm xejn xi jwaqqaf lil dik il-persuna milli tipparkja l-karozza fuq dan il-post, informajtu b'hekk u qgħadt nispjegalu ir-regoli tat-traffiku. Fl-aħħar ħlist minnu u qdejt ukoll lis-sinjorina. Issa hawn il-problema, inqala' argument jekk jiena kellix raġun nitolbu il-particulars ġaladarba kont nafhom? Jien ngħid li iva. X'taħseb sir?*

Minn dak li qed tgħidli jidher li int kont korrett.

*Yes.*

Tgħaġġel xejn u tibdiex ittaptap wisq fuq spallejk għax issa ġejjin id-domandi.

*Għidli sir, u nirrispondik mill-aħjar li nista'.*

Mela lil dan il-proxxmu kemm tafu sew?

*Ma norqodx miegħu imma tant jiġi l-Għassa jagħmel rapporti li naf sew il-partiklaritajiet tiegħu, forsi mhux l-ID No ukoll bl-amment imma nsibhom jekk niġi bżonnhom.*

Mela la tafhom għaliex tlabthomlu?

*Heqq, biex jieqaf naqra, forsi jikkalma ftit u jiġi f'sensieh. Wara kollox int mhux dejjem tgħallimna li għandi dritt nitlob il-partikolaritajiet u jrid jagħtihomli l-aktar jekk hemm bżonn li noħroġ ċitazzjoni, kif kont ser nagħmel u avżajtu talli qiegħed jagħmel l-istorbju fil-Għassa.*

Tajjeb. Hekk hu. Mela minn hawn ħriġna li int tlabthomlu mhux biex iddejqu, imma għax kellek raġuni valida, u ċioe' sabiex toħroġlu ċitazzjoni talli kien qed jikser il-paċi pubblika. Issa għaliex ma arrestajtux ?

*Heqq, ħassejt li ma kellix għalfejn billi wasalt bil-kelma t-tajba. Iva batejt ftit imma mhux aħjar hekk?*

Hekk hu. L-arrest hija għodda b'saħħitha u ma għandniex nużawha jekk ma hux verament bżonn. F'dan il-każ jidher li wasalt bi ftit żegħil, u xorta dak li hu tiegħek ħadtu u dak li hu tiegħu tgħajthulu. Issa niġu għall-aħħar domanda, kemm-il darba tlabtu l-partikolaritajiet u ma tagħomlokx?

*Naħseb li tlabthom xi erba' darbiet u kull darba inwissieħ u hu jgħidli li la jiena nafhom ma għandux għalfejn jagħtihomli, imma fl-aħħar tagħhomli taf. Hawn fejn sħabi ma qablux miegħi li ġaladarba tagħhomli ma kellix noħroġlu ċitazzjoni.*

U hawn hu fejn għandek raġun int. Skond sentenza tal-għaref Imħallef Harding tal-1960, **Il-kontravenzjoni ta' min jirrifjuta li jagħti ismu u l-partikolaritajiet tiegħu lill-Pulizija tavvera ruħha avolja l-membru tal-Pulizija li jitlob dawk il-partikolaritajiet jkun jaf l-isem u l-kunjom tal-persuna li tiġi mistoqsija tagħtihomlu; u anke jekk dik il-persuna li tkun irrifjutat li tagħti dawk il-partikolaritajiet, tispiċċa biex tagħtihom.** Dan ir-raġunar l-Imħallef jispjegah sewwa f'din is-sentenza u minnha wieħed jislet ir-raġuni li dan huwa hekk għaliex l-isem u l-kunjom ma humiex biżżejjed għall-għanijiet tal-ġustizzja, fejn l-identita` tal-persuna li tidher u tgħaddi proċess ġudizzjarju hija waħda tal-akbar importanza. Nispera li kulħadd jiftakar kemm jinqalgħu problemi meta nieħdu xi żball fl-isem jew konnotati oħra fiċ-ċitazzjoni.

*Holl xagħrek u ġib iż-żejt jekk mhux xi statement u crime.*

U hekk għandu jkun, għax żball f'dawn il-konnotati jista' jtellef ħafna xogħol lil ħafna nies. Mhux hekk biss, iżda jista' jeħel bniedem innoċenti u dik l-agħar ħaġa li tista' tiġri. Mela x'tgħalimna llum?

*Li kelli raġun. Le sir qed niċċajta. Bil-kelma t-tajba toħroġ il-far mit-toqba, u dak ta' Cesri agħtih lil Cesri u dak ta' Alla agħtih 'l Alla.*

Prosit. Nafek bi bniedem bil-kelma mraqqma imma mhux aħjar inkunu ċari minn hawn?

*Iva sir. Mela. Ġaladarba kelli raġuni valida li nitlob il-partikolaritajiet lil persuna dan huwa obligat li jagħtihomli biex jiena nkun nista' nagħmel id-doveri tiegħi sew. Jekk ma jagħtihomlix kif ordnat nkun fissew li nagħtih ċitazzjoni talli naqas. L-arrest ma għandux jintuża' għal xejn b'xejn u huwa l-aħħar rimedju biex twaqqaf bniedem mill-ksur tal-liġi jekk bil-kelma it-tajba tista' tasal.*

L-aħħar ħaġa ħalli nkunu ċari. Il-partikolaritajiet nitolbuhom meta hemm bżonn u mhux b'kapriċċ, u dan sabiex dak li huwa mitlub mill-liġi isir sew, kemm sabiex nagħmlu ir-rapport tagħna, kif ukoll u forsi aktar importanti sabiex inressqu quddiem il-Qrati lil dik il-persuna. L-iżbalji jiswew il-flus u jistgħu jaqilgħu ħafna nkwiet bla bżonn. Mela ftit attenzjoni u nifrankaw il-problemi.

*Grazzi sir tal-għajnuna.*

Xejn. Dak dover.



# When was the last time you had some fun saving money?

Park Towers
THE PRICE CHOPPER
SUPERMARKETS

**The best prices and the widest choice with ongoing offers for a fun-shopping experience.**

**Spend €100 + get 4 (1.5Ltr) of local soft drinks plus 1 free case of local mineral water and points**



The Mall, Park Towers, St.Julians - Tel: 2137 8520 - Fax: 2138 8241
Psaila Street, St Venera - Tel: 2148 0807 - Fax: 2148 5559

**PART OF THE GS GROUP OF COMPANIES**

# Il-Banda tal-Pulizija flimkien mal-Orkestra Nazzjonali

**Nhar il-21 ta Ġunju 2008, fis-Sala tal-Mediterrran għal Konferenzi, ttella' programm mużikali taħt il-patroċinju ta' Dr. Edward Fenech Adami LL.D, President ta' Malta fejn il-qligħ li sar, sew mid-dħul kif ukoll mir-reklami, inġabru fondi biex imorru għall-Vittmi tat-Traġedja tan-Naxxar.**




Dan il-programm sar bl-inizjattiva tal-Kappillan tan-Naxxar u s-Surmast Christopher Muscat li eventwalment idderiġa l-programm mużikali (u li joqgħod fl-istess triq fejn saret id- dizgrazzja) għamel il-koordinamenti meħtieġa, sew mal-Ispettur Anthony Cassar, inkarigat mill-Banda tagħna, kif ukoll mal-Kaptan John Ivan Borg, direttur tal-Banda tal-Forzi Armati.

Flimkien u fl-aħħar tal-kunċert indaqqet silta mużikali mill-aktar impenjattiva dik ta' Piotr I Tchaikovsky, 1812 Overture Op. 49. Biex indaqqet din is-silta, li kif diġa' għidt, hi waħda impenjattiva, saru diversi kunċerti sew fl-Akkademja tal-Pulizija, li kienu taħt it-tmexxija tas-Surmast Spettur Anthony Cassar, waqt li t-taħriġ li sar it-Teatru Manoel kienu taħt id-direzzjoni ta' Mro. Christopher Muscat.

Wara l-ezekuzzjoni ta l'Overture, il-pubbliku preżenti approvaha b'ċapċip kontinwu kif ukoll bi "standing ovation". Is-Surmat Muscat reġa' daqq l-aħħar parti, forsi l-aktar parti popolari mal-mistiedna. B'hekk nistgħu faċilment ngħidu li din kienet ġurnata oħra li ser tinkiteb b'ittri tad-deheb fl-istorja tal-Banda tal-Korp tal-Pulizija bħal ma kien il-programm li kien sar fi Pjazza San Ġorġ il-Belt Valletta fis-sena 1999, mal-Banda tal-Forzi Armati fl-okkazjoni tal-25 Anniversarju mit-Twaqqif tar-Repubblika ta' Malta.

Il-Banda tal-Korp tal-Pulizija, issa ukoll għanda is-sit eletroniku tagħha fejn wieħed jista' jżur dan is-sit fuq www.maltapoliceband.co.cc għal aktar informazzjoni. Dan is-sit qed jiġi aġġornat minn żmien għal żmien u ġie kkrejat mis-Surġent Silvio Magro.



Ritratt: Stephen Busuttil



F'din il-ħarġa se nagħtu tagħrif dwar l-istorja ta' Malta u xi postijiet oħra ta' interess li għandna tant ngħożżu. Dan il-wirt storiku jgħinha niżviluppaw aktar il-kultura tagħna u jagħtina identita' ta' min aħna u min fejn ġejjin.

# Il-Belt Valletta

WPS129 Marlene Falzon - Mużew tal-Pulizija

U għalhekk huwa bix-xieraq li l-mixja tagħna nibdewha mill-Belt Valletta li malmilja taż-żmien sofriet u messet ma' biki, ferħ, konkwisti u l-aktar ħaġa mportanti – li dejjem kienet kapaċi tieħu lura dak li l-Maltin iġġieldu għalih.

Wara r-rebħa tal-Maltin u l-Kavallieri ta' l-Ordni kontra t-Torok fis-sena 1565, l-għolja Xiberras (kif kienet magħrufa qabel), ingħatat isem il-Gran Mastru li dejjem emmen fil-ħila tan-nies tiegħu, il-Franċiż Jean Parisot De La Valette.

Permezz ta' din ir-rebħa fuq it-Torok, il-pożizzjoni ta' l-Ordni fil-Gzejjer Maltin isaħħet. Il-ħsieb tagħhom kien li jibnu Belt li tifred il-Port il-Kbir mill-Port ta' Marsamxett, u li tħares id-difiża tal-Gzejjer Maltin. Bħala nazzjon ġdid, il-Maltin ħtiġielhom jibnu Belt ġdida u għalhekk qatgħuha li kemm għad-difiża kif ukoll għall-kummerċ ma kienx hemm aħjar minn Xebb ir-Ras, il-ħotba ta' l-art maħruġa minn żewġ naħiet fuq il-baħar.

Din il-peninżula offriet ħafna vantaġġi – li tkun difiża mingħajr diffikultajiet;, li jkollha port, kastell, swar u fortifikazzjonijiet kapaċi jżommu l-akbar għadu. Sa dik il-ħabta fuq dan l-ilsien art li jiġi fit-tramuntana tal-gżira ma kienx hemm ħlief il-Forti ta' Sant' Iermu li fuqha xxerred gelgul ta' demm, kemm waqt l-Assedju u kemm fit-Tieni Gwerra Dinjija. Illum parti minn dan il-forti tintuża' bħala Akkademja tal-Pulizija.

Kienet art idejali li minħabba l-qagħda strateġika, l-ibħra fondi minn kull ġenb, blat għoli u swar għoljin setgħet issir il-muftieħ għad-difiża ta' Malta. Għal bini ġdid tal-Belt wasslu ħafna għotjiet ta' flus, materjal u għajnuniet minn għadd ta' rejjiet u prinċipijiet insara fl-Ewropa flimkien mal-Papa.

Il-pjanti tħejjew minn Francesco Laparelli li kien il-perit tal-Papa flimkien ma' l-arkitett Malti Ġilormu Cassar li kien l-assistent ta' Laparelli. Kien hemm 9,000 ħaddiem ilkoll imqassma bil-għan ta' tqattiegħ ta' ġebel li minnhom isiru blokk bini li skond ir-regolarmenti kien meħtieġ isiru bil-pilastri fil-kantunieri li jkollhom il-bir għal ħażna ta' l-ilma.

L-Ordni fasslet il-postijiet għal bereġ tagħhom li ħafna minnhom huma mxerdin mal-Belt, għal knejjes, li waħda minnhom kellha tkun il-knisja konventwali tal-Ordni magħrufa aħjar bħala l-Kon-Katidral ta' San Gwann, kunventi, sptar, ħabs u bini ieħor meħtieġ.

Fit-28 ta' Marzu, 1566, saret ċerimonja għat-tqegħid ta' l-ewwel ġebla ta' Belt ġdida fejn illum insibu l-kappella tal-Vittorja (biex tfakkar ir-rebħa tal-Assedju l-Kbir) u fit-28 ta' Marzu, 1571 il-Gran Mastru ordna t-trasport uffiċjali tas-Sede ta' l-Ordni mill-Birgu għal Belt il-ġdida msejħa 'Humilissima Civitas Vallettae'.

Din il-Belt kompliet tavvanza u tisbieħ f'sekli differenti, bħal ngħidu aħna l-arkittetura li ħadet xgħira differenti. Fis-seklu sittax konna nsibu stil ta' rinaxximent u fis-seklu tmintax rajna stil aktar modern u mimli arti u tiżjin, jiġifieri dak barokk. Filwaqt li fl-1615 il-Gran Mastru Franċiż Alof de Wignacourt ħaseb biex iġib l-ilma fil-Belt Valletta u b'tifkira tal-wasla ta' ilma nsibu funtana fid-daħla ta' Putirjal max-xellug bl-arma ta' Wignacourt bil-kliem 'Omnibus Idem' li tfisser 'lil kulħadd xorta waħda'. Kien hemm anki aktar kostruzzjonijiet ta' difiżi, swar u fortifikazzjonijiet.

Il-Belt Valletta għaddiet minn ħafna għawġ




